MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' April, 2005

Numru. 34/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
vs

**FREDERICK AGIUS**
**FRANKIE AGIUS**
**CAROLINE AGIUS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **FREDERICK AGIUS** ta' wiehed u tletin sena bin Andrew u Nicolina nee Saliba, imwieled H'Attard nhar t-tnax ta' Dicembru 1972 u residenti 'Rochet', Triq Gwann Mamo, Luqa, detentur tal-karta tal-identita numru 11773M, **FRANKIE AGIUS** ta' sebgha w u ghoxrin sena bin Andrew u Nicolina nee Saliba, imwieled H'Attard nhar l-ghoxrin ta' Gunju 1977 u residenti 'Cheri', Triq Pietru Saliba, Luqa, detentur tal-karta tal-identita numru

327577M u **CAROLINE AGIUS** ta' tlieta w tletin sena, mart Frederick Agius, bint Paul Debono u Michaline nee Demicoli, imwielda Pieta nhar d-dsatax ta' Gunju 1971 residenti 'Rochet', Triq Gwann Mamo, Luqa, detentrici tal-karta tal-identita numru 275771M gew mressqa quddiemha akkuzati talli fis-sitta w ghoxrin ta' Awissu 2004 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar

1. kisru voluntarjament l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, bi kliem indicenti w oxxen jew espressjonijiet ta' dagha;
2. talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hebbew kontra l-persuna ta' Ina Zammit u Paul Attard sabiex jingurjawhom, jdejjquhom jew jghamlulhom hsara;

**Lil Frankie Agius u Frederick Agius wahedhom:**

3. talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx pubblika, kontra persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti;
4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurjaw jew heddew jew ghamlu offiza fuq persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku u cioe Gwardjan Lokali numru 67 Paul Attard, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fixklu lil Gwardjan Lokali 67 Paul Attard persuna nkarigata minn servizz pubbliku waqt l-qadi ta' dmirijietu;
6. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakkaw jew irrezistew bi vjolenza Gwardjan Lokoli 67 Paul Attard waqt l-qadi ta' dmirijietu;
7. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunaw offiza ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Ina Zammit u Paul Attard skond kif iccertifika Doctor Joseph Vella MD fl-isptar Generali ta' Ghawdex.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 u 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar d-disgha ta' Dicembru 2004 [fol 52] sabiex in il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif registrat fl-atti fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2004 [fol 57].

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti esibiti.

Ikkunsidrat:

**Illi nhar t-tnejn ta' Settembru 2004 xehed PS 755 Frank Gauci** [fol 14] fejn qal li fis-sitta w ghoxrin ta' Awissu 2004, ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar kienu rcivew telefonata l-Ghassa r-Rabat, minghand Ina Zammit fejn talbet l-assistenza tal-Pulizija ghaliex qalet li kien qed jigi aggredit Warden fl-ufficju taghhom fir-Rabat. Hu mar mill-ewwel fuq il-post u x'hin waslu raw lil akkuzati nezlin mit-tarag tal-post, jghajjtu daqsxejn. Qal li maghhom kien hemm wkoll t-tifel taghhom ta' sitt snin Carlsen li kien qed jibki.

Qal li meta staqsihom x'kien gara dawn irrispondewh li kienu rrabbjati ghaliex Ina u l-Warden kienu qafluhom fl-ufficju u li kienu werwru lit-tifel u ghalhekk kien qed jibki. Qal li hu halla lil PC 863 isfel filwaqt li hu tela' fuq. Qal li meta hu kellem lil Ina Zammit li hija l-Authorised Officer tal-Joint Committee for Local Enforcement, din qaltlu li hija kienet semghet xi storbju gej mill-ufficju ta' hdejha u meta marret tittawwal rat lil imputati Frankie Agius u Frederick Agius jagredixxu lil Warden Paul Attard u ghalhekk harget tigri sabiex iccempel lil Pulizija u wara regghet marret lura.

Kompla jghid li din Ina Zammit kienet qaltlu, meta kellimha, li meta hi bdiet tghid liz-zewg imputati sabiex jieqfu, dawn bdew jidghu u sahansitra anke kienu hebbew

ghaliha. Din ghalhekk harbet minn fuq il-post, nizlet isfel w inqaflet gewwa ghaliex bezghet li ser jmorru jaggreduha. Ix-xhud kompla jghid li Ina Zammit kienet qaltlu li wara dawn bdew kwazi jkissru l-bieb ghaliex riedu jifthuh u wara ftit nizel il-Warden u fethilhom il-bieb u waqt li kienu nezlin t-tarag, qabdu bank tal-injam li kien hemm u kienu ser jitfghu ghal fuqhom.

Ix-xhud qal li hu kien kellem wkoll lil Warden Paul Attard li qallu li waqt li hu kien fl-ufficju ghal affari tieghu, hin minnhom cempel il-bieb, u hu mar u fethu. Qal li dak l-hin telghu l-imputati Frederick u Frankie Agius u staqsewx minn kien tahom ticket fi Pjazza Fortunato r-Rabat u l-Warden kien irrispondihom li kien hu. Ziex jghid x-xhud li l-Warden kien qallu li dawn bdew joggezzjonaw mieghu ghaliex qallu li kellhom arlogg peress li t-ticket kien inghatalhom minhabba l-fatt li ma kellhomx parking meter. Qal li lil Warden kienu talbuh biex ihassrilhom it-ticket u dan qalilhom li ma seta' jghamlilhom xejn u li setghu biss jikkontestawh l-Qorti u dak l-hin bdew jaghtuh u tefghulu tlett sigijiet li kien hemm, fid-direzzjoni tieghu u hu beda jilqa b'idejh u fil-fatt wiehed kien laqtu f'idejh. Ix-xhud qal li waqt dan l-incident kienet telghet l-imputata u bdiet tinsulenta lil Ina Zammit u toffendiha bil-familja u anke bdiet theddiha bi kliem.

Qal li wara kemm Ina Zammit kif wkoll l-Warden Paul Attard marru l-Isptar Generali ta' Ghawdex fejn gew ezaminati minn Doctor Joseph Vella fejn dan t-tabib iccertifika li Ina Zammit ma kellha ebda griehi filwaqt li l-Warden Paul Attard kellu griehi ta' natura hafifa. Huwa esibixxa dawn ic-certifikati li gew immarkati bhala dokument X u Z rispettivament [fol 16 u 17]. Dan ix-xhud esibixxa wkoll l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument Y [fol 18].

**Illi nhar t-tnejn ta' Settembru 2004 xehed Doctor Joseph Vella** [fol 24] li kkonferma d-dokumenti X u Z bhala l-istess certifikati medici rilaxxjati minnu. Zied jghid li l-Warden Paul Attard kellu brix fir-right forearm, barxa fuq in-naha ta' fuq tax-xoffa u kklassifika dawn il-griehi bhala ta' natura hafifa.

**Illi nhar t-tnejn ta' Settembru 2004 xehed l-Ispettur Maurice Curmi** [fol 25] u esibixxa l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati Frankie Agius u Frederick Agius li gew mmarkati bhala dokument CSH 4 u CSH 5 rispettivament [fol 29 et seq].

**Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2004 xehed PS 1464 Michael Portelli** [fol 38] fejn ikkonferma li kien presenti waqt t-tehid tal-istqarrija tal-imputati dakinhar tas-sitta w ghoxrin ta' Awissu 2004 wara li nghataw s-solita twissija. Ikkonferma l-firma tieghu u tal-Ispettur Maurice Curmi fuq kull faccata.

**Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2004 xehdet Ina Zammit** [fol 39] fejn qalet li hija ghandha l-kariga ta' ufficjal awtorizzat u dakinhar tas-sitta w ghoxrin t'Awissu 2004, ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar, waqt li kienet fl-ufficju taghha fil-Guard and Warden Service House, Pjazza l-Assedju ta' Ghawdex, fir-Rabat, cemplet il-qanpiena u semghet xi storbju gej minn barra pero fl-istess bini. Qalet li meta semghet dawn il-hsejjes fethet il-bieb u harget fil-kuridur u rat liz-zewg imputati li gharfet presenti fl-awla jiggieldu u jsawtu lil Gwardjan Paul Attard li dak l-hin kien wahdu fl-ufficju. Qalet li l-Warden Paul Attard beda jghidilha biex iccempel lil Pulizija u hi rrispondietu li kienet diga ghamlet hekk. Spjegat li kif l-imputati semghu dan telqu lil Paul Attard u marru ghaliha. Qalet li dak l-hin l-imputata Caroline Agius ma kienetx maghhom. Qalet li maz-zewgt irgiel imputati kien hemm tifel ta' tlett snin u nofs. Kompliet tghid li hi nizlet tigri t-tarag, harget mill-uffciju, ghalqet il-bieb u halliet lil Gwardjan gewwa mal-aggressuri u bdiet izzommu b'idejh u b'saqajha biex ma jinfetahx. Ziedet tghid li huma bdew jimbuttaw l-bieb, u bdiet tghajjat lil persuna li toqghod fil-flat ta' tahthom certu Jerry Vella sabiex imur jghinha. Qalet li fil-fatt nizel l-Warden Paul Attard u talabha sabiex tiftah l-bieb u kif fethet l-bieb l-imputat Frederick Agius qabadha minn ghonqha u l-imputat Frankie Aigus qabad bank tal-injam u tefghu ghal fuqha.

Fil-frattemp telghet l-imputata Caroline Agius u bdiet toffendiha bil-familja u theddidha li kienu ser isibuha. Ix-xhud qalet li fl-ebda hin ma l-imputata Caroline Agius ma hebbet ghaliha u li kull ma ghamlet kien li ghajjritha u hedditha. Qalet li f'dan l-incident hi sofriet tbengil f'saqajha li damet bihom cirka hmistax il-jum. Ziedet tghid li l-imputat Frederick Agius qatt ma messha ghalkemm qabad l-bank w ipprova jwaddbu lejha, pero Frederick Agius qabadha minn ghonqha.

**Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2004 xehed il-Gwardjan Lokali 67 Paul Attard** [fol 42] fejn qal li nhar s-sitta w ghoxrin ta' Awissu 2004, ghall-habta tal-hdax u tnejn u ghoxrin ta' filghodu waqt li kien fuq xoghol ghaddej minn Triq Fortunato Mizzi r-Rabat, Ghawdex, waqt li kien qed jiccekkja vetturi kellhomx arloggi, sab li kien hemm vettura li ma kellhiex arlogg. Qal li ccekkja diversi vetturi ohra u kollha kienu kif suppost minbarra karozza wahda li kienet minghajr arlogg u ghalhekk kien hargilha c-citazzjoni. Qal li wara kien rega' lura l-ufficju u wara ftit cemplet il-qanpiena u mill-monitor ra persuna isfel wara l-bieb, fetah l-bieb u fil-fatt telghu zewgt irgiel u cioe iz-zewg imputati irgiel presenti fl-awla. Qal li l-imputat Frederick Agius kellu ticket f'idejh u staqsieh x'kien dak t-ticket u ghaliex kien tahulu. Qal li hu ma kienx jaf minn kien dan r-ragel pero kif ra t-ticket f'idejh mill-ewwel assuma li kien sid il-vettura li ftit qabel kien hareg citazzjoni fuqha. Ix-xhud kompla jghid li hu qal lil imputat Frederick Agius li t-ticket kien hargu peress li l-vettura ma kelliex arlogg u dak l-hin l-imputat hareg l-arlogg f'idejh u staqsieh x'kien dak. Qal li hu wiegbu li kien jaf li hu arlogg tal-parking u li fuqu kien qed jimmarka s-siegha u qallu li ghalhekk kien hareg c-citazzjoni ghaliex il-hin ma kienx dak indikat fuq l-arlogg meta hargu. Ix-xhud dak l-hin qallu li t-tifel kien laghblu mal-arlogg. Qal li mbaghad bdew jghajjtu li ma kellux familja, kien bla qalb u li min hareg t-ticket kien jobghodu. Qal li sa dak l-hin huma ma kienux jafu li kien hu li hareg t-ticket u dak il-hin qalilhom li kien hu.

Minnufih bdew jghajjtu, hu pprova jikkalmahom, talbuh sabiex jahfirulhom, hu qalilhom li ma setghax, u huma

qalulu li kien ghamel xogholu hazin. Ix-xhud kompla jghid lil qalilhom li huma setghu jikkontestawh l-Qorti. Qal li wara ftit hargu, u wara regghu dahlu ghalih. Frankie Agius qabdu mill-qmis, imbuttah lura u t-tnejn daru u qabdu siggu ghalih peress li hasbu li kien wahdu. Imbaghad marret Ina Zammit peress li semghet l-ghajjat u qalilha biex iccempel lil Pulizija u hi wegbitu li hekk kienet ghamlet diga.

Dak l-hin grew ghal wara Ina Zammit li harbet tigri 'l barra u ghalqet il-bieb warajha filwaqt li hu baqa fuq pero peress li sema` l-ghajjat hareg jimxi warajhom u x'hin kien fit-tarag talabhom jwarrbu minn nofs biex ikun jista jiftah l-bieb. Qal li wara l-bieb kien hemm Ina Zammit u talabha tiftah u hekk ghamlet. Qal li mbaghad l-imputati hargu, kien hemm bank twil u qabduh, refghuh fl-ajru u kien hemm Jerry Vela li zammhom milli jwaddbuh.

Sadanitant telghet l-imputata Caroline Agius u bdiet tghajjat ma Ina Zammit u tghidilha kliem mhux xieraq u gew il-Pulizija. F’dan l-incident qal li hu sofra griehi konsistenti f’ barxa fuq idejh x-xellugija, qasma fuq xoftejn ta' fuq u ohra fuq widintu l-leminija u tbengila fuq idejh l-leminija. Qal li hu gie moghti certifikat li jinsab esibit fl-atti markata bhala dokument Z. Mistoqsi jekk meta l-imputati irgiel telghu ghalih kienx hemm xi persuna ohra maghhom ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk il-qmis tieghu ccartitx meta qabduh minha ix-xhud qal li le u li kull ma ghamlu kien li giet maqluha biss. Mistoqsi ghaliex kien talab lil Ina Zammit tiftah il-bieb ix-xhud irrisponda li peress li wiehed mill-imputati kien ta daqqa ta' sieq fuq il-bieb deherlu li l-bieb kellu jinfetah. Qal li hu ma kienx jaf x'kien qed jigri isfel. Qal li hu semgha lil imputata Caroline Agius tghajjar lil Ina Zammit qahba, li l-bicca xoghol ma kienetx ser tieqaf hemmhekk, li kienu ser jarrestawlha lir-ragel. Qal li hu kien boghod minn Ina Zammit xi ghoxrin pied meta intqal dan d-diskors.

**Illi nhar l-hdax ta' Novembru 2004 xehed Jerry Vella** [fol 49] fejn qal li hu jahdem fl-istess bini tal-Guards & Wardens fir-Rabat. Qal li dakinhar tal-incident waqt li kien hemm, sema’ hafna siggijiet jintefghu u hafna storbju

u ghajjat u ghall-ewwel ma tax kaz pero peress li dan l-istorbju dam allura hu qal lil mara tieghu sabiex iccempel lil Pulizija. Qal li mbaghad instemghu hafna passi fid-direzzjoni tat-tarag taghhom, hareg u sab lil Ina Zammit tghajjat li kienu qed jaghtu xebgha lil Warden u ghalqet l-bieb u qaghdet izzommu. Qal li mbaghad nizel wiehed mill-imputati, liema wiehed ma kienx jaf, ghadda minn quddiem Ina Zammit u minn quddiemu, u Ina Zammit indirizzatu b'xi ghajjat u dan r-ragel irrispondiha lura b'ghajjat, qabad bank u mar ghal Ina Zammit. Qal li dak l-hin hu kien bejn dan r-ragel u Ina Zammit w imbotta l-bank u waqqghu. Imbaghad dan r-ragel qabad lil Ina Zammit minn ghonqha u beda jheddidha w ghalhekk hu qabad lil dan r-ragel u firdu minn maghha filwaqt li baqa' ghaddej skozz theddid u ghajjat w imbaghad gew l-Pulizija. Mistoqsi min miz-zewg imputati rgiel kien li qabad lil Ina Zammit minn ghonqha, ix-xhud qal li ma kienx f'posizzjoni jghid. Qal li Ina Zammit kienet qaltlu biex jzommhom peress li kienu gejjin il-Pulizija.

**Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2005 xehed l-imputat Frederick Agius** [fol 59] fejn qal li dakinhar tal-incident huma kienu ghaddejjin minn quddiem l-Arcadia fir-Rabat, fejn hemm r-*reserved area* ghal parking bil-meter, u pparkja hemmhekk bil-meter. Qal li mieghu kien hemm l-mara tieghu riekba u t-tifel ta' cirka hames snin. Qal li wara li marru l-Arcadia regghu lura ghal karozza u sab ticket. Qal li kif kien sejjer lil hinn, iltaqa ma huh u qallu li kien qala ticket u dan issuggerilu li jmorru jkellmuhom biex forsi jirrangaw u jiffrankaw gurnata xoghol. Qal li hu, huh l-imputat Frankie Agius w t-tifel marru fl-ufficju relattiv, cemplu, habbtu, u fethulhom u telghu fuq fejn kien hemm l-Gwardjan u staqsieh ghalfejn kien qala dak t-ticket u l-Gwardjan irrispondih li kien qalghu peress li ma kellux arlogg. Qal li ghalhekk dak il-hin hareg l-arlogg u wrih lil Gwardjan li qallu li tah t-ticket peress li ma kienx ra l-arlogg hemmhekk. Qal li staqsa lil Gwardjan jekk setghax ikellem lil Gwardjan li hareg t-ticket forsi hargu bi zball u dak l-Gwardjan qallu biex jekk irid setgha jikkontestah quddiem t-Tribunal Lokali u ghalhekk rega' talbu biex jkellem lil Gwardjan biex forsi ma jitlifx gurnata xoghol u dan rrispondih li ma setgha jghamillu

xejn. Qal li kif kienu sejrin dan il-Gwardjan dar fuqu u qallu li kien hu li hareg dak t-ticket. Qal li kif kienu isfel huh qallu biex jerga jkellmuh biex forsi jirranga xi haga u giet mara fuqhom u qaltilhom biex jibqghu hemm sakemm iggibilhom il-Pulizija. Qal li gie Pulizija u din il-mara qalet li huma kienu qeghdin jghajjatu u jaghtu lil Gwardjan u sakkrithom mal-Gwardjan fil-kamra lilu, lil huh w t-tifel. Qal li t-tifel beda jikbi u jghajjat u huh beda jipprova jiftah, pero din il-mara ma rieditx. Imbaghad il-Gwardjan qabad u fetah l-bieb hu u hareg fil-kuridur. Ix-xhud zied jghid li l-mara baqghet tinsisti li jibqghu hemm sakemm jigu l-Pulizija u qaghdu jistennew hemmhekk sakemm marru l-Pulizija. Mistoqsi jekk refghax idejh fuq il-Warden, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv fis-sens li ggestakola b'idu bhal meta bniedem jargumenta. Mistoqsi kif dahlet fl-istorja Caroline Agius ix-xhud wiegeb li din kienet bit-tarbija f'idejha flimkien mal-mara ta' huh fit-triq fil-karozza, semghet l-ghajjat u bdiet tghajjat hi wkoll. Zied jghid li Ina Zammit kienet liebsa ilbies normali mhux uniformi. Huwa kkkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu [fol 29]. Mistoqsi jekk hu refghax xi bank f'xi hin ix-xhud wiegeb li ma jidhirlux li qabad xi bank waqt l-argument.

**Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2005 xehed l-imputat Frankie Agius** [fol 61] fejn ikkonferma x-xhieda li ta huh l-imputat Frederick Agius bhala l-verita kollha ta' kif graw l-fatti. Huwa kkonferma l-istqarrija li hu rrilaxxja esibita a fol 31 tal-atti. Mistoqsi jekk hu qabadx il-bank li kien hemm biex jahbat ghal dik il-mara li kien hemm fl-ufficju, ix-xhud rrisponda li ma qabad xejn. Mistoqsi jekk kienx gie fl-idejn mal-Gwardjan Lokali ix-xhud rrisponda li kienu bdew jargumentaw bl-idejn ghalkemm ma kienx zgur jekk laqtux jew le.

**Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2005 xehdet l-imputata Caroline Agius** [fol 62] fejn ikkkonfermat li dakinhar tal-incident hi kienet fil-karozza wara l-bieb tal-Gwardjani Lokali Ghawdex. Qalet li waqt li kienet fil-karozza, peress li kienet s-shana, fethet il-bieba u bdiet tisma mara tghajjat u qalet bejna u bejn ruhha "Tghid qed jiggieldu". Qalet li peress li l-ghajjat dam u semghet lit-tifel jibki, telghet tigri u rat mara fil-kuridur barra tghajjat qisha

isterika. Qalet li daret fuqha u staqsietha ghal x'hiex kienet qed tghajjat u din baqghet tghajjat u f'daqqa wahda infetah l-bieb u hareg t-tifel jibki. Qalet li rat lil irgiel, u cioe zewgha u huh u qaltilhom biex jitilqu minn hemmhekk. Qalet li kemm zewgha, kif wkoll huh u binha kienu gew imsakkra gewwa. Qalet li din il-mara baqghet tghajjat u tigri warajhom. Ix-xhud qalet li kienu Frederick, Frankie u hi u din il-mara baqghet timxi warajhom tghajjat u twerzaq u hi dak l-hin qaltilha 'kiesha' u li kienet qed tipprova tipprovokhom. Qalet li ma jidhrilix li qalet xi kliem iehor. Qalet li din il-mara kompliet tghidilhom 'Fejn sejrin, gejjin il-Pulizija' u x' hin nizlu t-tarag waslu l-Pulizija. Mistoqsija jekk huma u nezlin t-tarag ratx lil xi hadd jaqbad l-bank ghal xi hadd ix-xhud wiegbet fin-negattiv. Mistoqsija jekk hi kellmitx lil din il-mara li kien hemm gewwa, ix-xhud qalet li kienet kellmitha fis-sens li qaltilha li kienet 'kiesha' u li 'kienet qed tipprova tipprovokhom', pero b'ebda mod ma nsulentatha. Qalet li hi ma kienetx taf li din il-mara kienet xi ufficjal. Qalet li hi m'aggreditx lil Warden jew lil din il-mara. Hi esibit certifikat mediku in konnessjoni ma dan l-incident li gie mmarkat bhala dokument CA [fol 64] li jindika li it-tifel minuri dakinhar tal-incident kien qed ibghati minn "*phobic anxiety secondary to fear caused by closure in a room*".

Illi dwar il-fatti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni u cioe` li l-imputati marru f'ufficcju tal-Gwardjan Lokali nhar is-sitta w ghoxrin ta' Awissu 2004 ghal habta tas-siegha ta' wara nofsinhar wara li kienu rcevew xi ticket peress li kienu pparkjati bla "arlogg" espost fuq id-*dashboard*. Illi dak li hu kontestat hu l-manjiera ta' kif gew avvicinati il-Gwardjan u l-authorised officer Ina Zammit f'dan l-incident, ghaliex filwaqt li l-Prosekuzzjoni tghid li l-imputati Frederick Agius u Frankie Agius hebbew u ghamlu offizi kontra l-Gwardjan Lokali 67 Paul Attard, l-istess imputati ahwa Agius jichdu dan.

Illi l-imputata Caroline Agius hija akkuzata biss li kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, li qalet kliem indicenti u oxxen konsistenti f'dagha fil-pubbliku u talli hebbet ghall-persuna ta' Ina Zammit.

Dwar l-akkuza ta’ ksur ta’ paci pubblika, m’hemmx dubju li din tirrizulta anke minn dak li qalet l-imputata stess li qalet li bdiet tghajjar lil Ina Zammit bil-kliem; “kiesha” w ikkonfermt wkoll li Ina Zammit qalet kelma u hi qalet kelma b'ohra u dan b'vuci gholi. Dwar pero’ l-akkuza ta’ kliem oxxen u indicenti u li hebbet ghall-Warden, il-Qorti ma thossx li dawn gew ippruvati b’mod soddisfacenti.

Dwar l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-ahwa Agius, jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, li huma marru l-ufficju tal-Gwardjan Lokali sabiex jippruvaw jiggustifikaw ruhhom mal-Gwardjan bil-ghan li dan jehlishom mill-parking ticket li kienu qalghu, izda meta l-Gwardjan Laokali 67 Paul Attard, qalilhom biex jikkontestaw it-ticket l-Qorti, huma ma kienux sodisfatti w insistew li jkellmu l-Ufficjal inkarigat mill-hrug tat-ticket.

Ma hemmx dubbju li dan ghamluh bil-hiseb li jbezzghu u jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. Illi waqt li kienu qed jilletikaw mal-Ufficjal, dawn ittantaw jhebbu ghalih wkoll.

Din il-Qorti pero ma tistax tghid li dawn l-imputati fixklu lil Gwardjan Lokali 67 Paul Attard f'xoghlu ghaliex dak li kellu jghamel u cioe li jaghti ticket effettivament ghamlu, u sahansitra anke spiccaw ikkagunalu ferita ta' natura hafifa konsistenti fi brix fuq dirghajh l-leminija u fil-qarquca tal-widna x-xellugija tieghu, skond c-certifikat mediku esibit markat bhala dokument Z.

**Dwar il-piena** il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni m'esebitx il-fedini penali tal-imuptati u ghalhekk ghandha titratta maghhom bhal li kieku huma *first time offenders*.

Rat pero’ li r-reati 'n kwistjoni gew kommessi kontra Ufficjal Pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-dmirijiet tieghu w il-Qorti thoss li tali tip ta’ akkuza hija serja hafna ghaliex hija mmirata lejn l-amministrazzjoni tal-gustizzja.

Ghalhekk din il-Qorti trid tikkundanna l-agir tal-imputati ghaliex hija trid taghti messagg lis-socjeta` li Ufficjali bhal dawn u cioe` Gwardjani Lokali huma hemm sabiex

jiddefendu l-interess tas-socjeta` u ghandhom jigu protetti mis-sistema gudizzjarja taghna.

Din il-Qorti mhux ser timponi piena karcerarja peress li huma *first time offenders* u peress li l-incident kien wiehed isolat u l-feriti subiti kienu *de minimis*.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338(dd), 342, 339(d), 383, 384, 17(c), 20, 23, 95(1), 96, 221(1), 338(ee), 17(b)(c), l-artikolu 21 u 533 tal-Kap 9 u l-artikolu 19 tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lill-imputata CAROLINE AGIUS hatja talli kissret il-paci pubblika u talli ghajjret lil Ina Zammit u tikkundannha ghal amenda ta' hamsa w ghoxrin lira maltin komplessivament, u mhux hatja tal-akkuzi l-ohra u tilliberha minnhom, u tiddikjara li ssib lill-imputati FREDERICK AGIUS u FRANKIE AGIUS hatja tal-akkuzi kollha salv dik ta' ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ina Zammit, talli fixklu lil Gwardjan Lokjali 67 Paul Attard fil-qadi ta' dmirijietu, u talli qalu kliem mhux xieraq fil-pubbliku, mill-liema tlett akkuzi tilliberhom u tikkundannhom ghal hlas ta' multa komplessiva ta' mitejn u hamsin lira maltin ghall-akkuzi misjubin hatja.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------